SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla)

6 ta' Ottubru 2020*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi – Direttiva 2002/20/KE – Artikolu 13 – Tariffa għad-drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju – Leġiżlazzjoni nazzjonali settorjali li tissuġġetta r-riżervazzjoni ta' frekwenzi tar-radju pubbliċi għal taxxa – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta l-kostituzzjoni ta' konċessjonijiet amministrattivi fuq proprjetà pubblika għal imposta fuq it-trasferimenti patrimonjali"

Fil-Kawża C-443/19,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-Tribunal Superior de Justicia del País Vasco (il-Qorti Superjuri tal-Ġustizzja tal-País Vasco, Spanja), permezz ta' deċiżjoni tal-24 ta' April 2019, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-7 ta' Ġunju 2019, fil-proċedura

Vodafone España SAU

vs

Diputación Foral de Gipuzkoa,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla),

komposta minn L. S. Rossi, President tal-Awla, J. Malenovský (Relatur) u N. Wahl, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: G. Pitruzzella,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Vodafone España SAU, minn J. L. Buendía Sierra, E. Gardeta González u J. Viloria Gutiérrez, abogados,

– għad-Diputación Foral de Gipuzkoa, minn J. L. Hernández Goicoechea, abogado, u B. Urizar Arancibia, procuradora,

– għall-Gvern Spanjol, inizjalment minn S. Jiménez García u A. Rubio González, sussegwentement minn S. Jiménez García, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn J. Rius u L. Nicolae, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva ta' Awtorizzazzjoni) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 337), kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 (ĠU 2009, L 337, p. 37, rettifika fil-ĠU 2013, L 241, p. 8) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2002/20").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn Vodafone España SAU u d-Diputación Foral de Gipuzkoa (il-Kunsill Provinċjali ta' Gipuzkoa, Spanja) fir-rigward ta' imposta li din il-kumpannija kienet suġġetta għaliha bħala konċessjoni amministrattiva tad-dritt tal-użu privat ta' frekwenzi tar-radju pubbliċi li hija kienet ingħatat.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Il-premessi 18, 30 u 32 tad-Direttiva 2002/20 jipprovdu:

"(18) L-awtorizzazzjoni ġenerali għandu jkun fiha biss kondizzjonijiet li huma speċifiċi għas-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi. M'għandhiex tkun suġġetta għal kondizzjonijiet li huma diġà applikabbli bis-saħħa ta' xi liġi nazzjonali oħra eżistenti li mhix speċifika għas-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi. […]

[…]

(30) Ħlasijiet amministrattivi jistgħu jiġu imposti fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi sabiex jiffinanzjaw l-attivitajiet ta' l-awtorità regolatorja nazzjonali fl-amministrazzjoni tas-sistema ta' awtorizzazzjoni u fl-għoti ta' drittijiet ta' użu. […]

[…]

(32) Minbarra l-ħlasijiet amministrattivi, tariffi għall-użu jistgħu jiġu imposti fuq l-użu ta' frekwenzi tar-radju u numri bħala strument li jiżgura l-aħjar użu ta' dawn ir-riżorsi. Dawk it-tariffi m'għandhomx ifixklu l-iżvilupp ta' servizzi innovattivi u l-kompetizzjoni fis-suq. […]"

4 Skont l-Artikolu 1(1) ta' din id-direttiva:

"L-iskop ta' din id-Direttiva huwa li jiġi mplimentat suq intern fin-networks u servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi permezz ta' l-armonizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tar-regoli u l-kondizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni sabiex jiġi faċilitat il-forniment tagħhom mal-Komunità kollha."

5 L-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Awtorizzazzjoni ġenerali ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi", jinkludi l-paragrafu 2, li huwa fformulat kif ġej:

"Il-forniment ta' networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew il-forniment ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jista', mingħajr preġudizzju għall-obbligi speċifiċi msemmija f'Artikolu 6(2) jew għad-drittijiet ta' użu msemmija f'Artikolu 5, biss ikun suġġett għal awtorizzazzjoni ġenerali. […]"

6 L-Artikolu 6 tal-istess direttiva, intitolat "Il-kondizzjonijiet stipulati ma' l-awtorizzazzjoni ġenerali u d-drittijiet ta' użu għall-frekwenzi tar-radju u għan-numri, u obbligi speċifiċi", jiddisponi:

"1. L-awtorizzazzjoni ġenerali biex ikunu pprovduti n-netwerks u s-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, id-drittijiet għall-użu tal-frekwenzi tar-radju, u d-drittijiet għall-użu tan-numri, tista' tkun soġġetta biss għall-kundizzjonijiet elenkati fl-Anness. Dawn il-kundizzjonijiet għandhom ikunu proporzjonati, trasparenti u mhux diskriminatorji, u fil-każ ta' drittijiet għall-użu ta' frekwenzi tar-radju, għandhom ikunu skont l-Artikolu 9 tad-[Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 349)].

[…]

3. L-awtorizzazzjoni ġenerali għandu jkun fiha biss kondizzjonijiet li huma speċifiċi għal dak is-settur u li huma mniżżla fit-Taqsima A ta' l-Anness u m'għandhiex tidduplika kondizzjonijiet li huma applikabbli għal impriżi bis-saħħa ta' xi leġislazzjoni nazzjonali oħra.

4. L-Istati Membri m'għandhomx jidduplikaw il-kondizzjonijiet ta' l-awtorizzazzjoni ġenerali meta jagħtu drittijiet ta' użu għall-frekwenzi tar-radju jew numri."

7 L-Artikolu 12 tad-Direttiva 2002/20, intitolat "Ħlasijiet amministrattivi", jiddisponi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Kull ħlas amministrattiv impost fuq impriżi li jfornu servizz jew network taħt l-awtorizzazzjoni ġenerali jew li lilhom ikun ingħata dritt ta' użu, għandu:

(a) fit-total, ikopri biss l-ispejjeż amministrattivi magħmula fl-amministrazzjoni, kontroll u infurzar ta' l-iskema ta' l-awtorizzazzjoni ġenerali u tad-drittijiet ta' użu u l-obbligi speċifiċi kif imsemmija f'Artikolu 6(2), li jistgħu jinkludu spejjeż għall-kooperazzjoni internazzjonali, armonizzazzjoni u standardizzazzjoni, analiżi tas-suq, solveljanza tal-konformità u kontrolli oħra tas-suq, kif ukoll ħidma regolatorja li tinvolvi l-preparazzjoni u l-infurzar ta' leġislazzjoni sekondarja u deċiżjonijiet amministrattivi, bħal deċiżjonijiet dwar l-aċċess u l-interkonnessjoni; u

(b) jiġi mpost fuq impriżi ndividwali b'mod oġġettiv, trasparenti u proporzjonat li jimminimizza spejjeż amministrattivi addizzjonali u l-ħlasijiet li jġibu magħhom."

8 Skont l-Artikolu 13 ta' din id-direttiva, intitolat "Tariffi għad-drittijiet ta' użu u drittijiet għall-installazzjoni ta' faċilitajiet":

"L-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-awtorità relevanti li timponi tariffi għad-drittijiet ta' użu għall-frekwenzi tar-radju jew numri jew drittijiet li jiġu stallati faċilitajiet fi, minfuq jew taħt proprjetà pubblika jew privata li jirriflettu l-ħtieġa li jiġi żgurat l-aħjar użu ta' dawn ir-riżorsi. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk it-tariffi għandhom ikunu oġġettivament ġustifikati, trasparenti, mhux diskriminatorji u proporzjonati b'relazzjoni ma' l-iskop maħsub tagħhom u għandhom jieħdu kont tal-miri f'Artikolu 8 tad-Direttiva 2002/21/KE […]"

9 L-anness tad-Direttiva 2002/20 jipprevedi:

"[…]

A. Kondizzjonijiet li jistgħu jiġi stipulati ma' awtorizzazzjoni ġenerali

[…]

2. Ħlasijiet amministrattivi skond Artikolu 12 ta' din id-Direttiva.

[…]

B. Kondizzjonijiet li jistgħu jiġu stipulati ma' drittijiet ta' użu għall-frekwenzi tar-radju

[…]

6. It-tariffi għall-użu skond Artikolu 13 ta' din id-Direttiva.

[…]"

Id-dritt Spanjol

Il-leġiżlazzjoni dwar it-telekomunikazzjonijiet

10 Il-Ley 32/2003 General de Telecomunicaciones (il-Liġi Ġenerali 32/2003 dwar it-Telekomunikazzjonijiet) tat-3 ta' Novembru 2003 (BOE Nru 264 tal-4 ta' Novembru 2003, p. 38 890, iktar 'il quddiem il-"LGT 2003"), ittrasponiet fid-dritt Spanjol id-direttivi fil-qasam tat-telekomunikazzjonijiet adottati matul l-2002, fosthom id-Direttiva 2002/20.

11 Skont l-Artikolu 49 ta' din il-liġi:

"1. L-operaturi u l-proprjetarji tad-drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju pubbliċi jew ta' riżorsi ta' numri huma marbuta jħallsu t-taxxi stabbiliti fl-ordinament ġuridiku.

2. Dawn it-taxxi għandhom l-għan li jkopru:

a) l-ispejjeż amministrattivi li jirriżultaw mix-xogħol regolatorju għall-preparazzjoni u għall-implimentazzjoni tad-dritt Komunitarju sussidjarju u tal-atti amministrattivi, b'mod partikolari fil-qasam ta' interkonnessjoni u ta' aċċess;

b) l-ispejjeż marbuta mal-ġestjoni, mal-kontroll u mal-applikazzjoni tas-sistema stabbilita f'din il-liġi;

c) l-ispejjeż marbuta mal-ġestjoni, mal-kontroll u mal-applikazzjoni tad-drittijiet ta' okkupazzjoni ta' proprjetà pubblika u tad-drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju pubbliċi u ta' numri;

d) il-ġestjoni tan-notifiki rregolati mill-Artikolu 6 ta' din il-liġi;

e) l-ispejjeż ta' kooperazzjoni internazzjonali, ta' armonizzazzjoni u ta' normalizzazzjoni kif ukoll ta' analiżi tas-suq.

3. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2, it-taxxi imposti għall-użu ta' frekwenzi tar-radju pubbliċi, għan-numri u għall-proprjetà pubblika meħtieġa għall-installazzjoni ta' networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi għandhom l-għan li jiżguraw l-aħjar użu ta' dawn ir-riżorsi, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-valur u tal-iskarsezza tal-proprjetà li l-użu tagħha huwa awtorizzat. Dawn it-taxxi ma għandhomx ikunu diskriminatorji u għandhom ikunu trasparenti, oġġettivament iġġustifikati u proporzjonali għall-għan tagħhom. Huma għandhom jiffavorixxu wkoll it-twettiq tal-għanijiet u l-osservanza tal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 3 konformement mal-kundizzjonijiet stabbiliti mil-leġiżlazzjoni.

[…]"

12 Il-kontenut ta' din id-dispożizzjoni ġie riprodott, essenzjalment, fl-Artikolu 71 tal-Ley 9/2014 General de Telecomunicaciones (il-Liġi Ġenerali 9/2014 dwar it-Telekomunikazzjonijiet) tad-9 ta' Mejju 2014 (BOE Nru 114 tal-10 ta' Mejju 2014, p. 35 824, iktar 'il quddiem il-"LGT 2014").

13 L-Anness I tal-LGT 2014 jinkludi l-punt 3, intitolat "Taxxa fuq ir-riżervazzjoni ta' frekwenzi tar-radju pubbliċi", li l-paragrafu 1 tiegħu, li huwa essenzjalment identiku għall-paragrafu 1 tal-punt 3 tal-Anness I tal-LGT 2003, huwa fformulat kif ġej:

"Ir-riżervazzjoni, mill-operaturi, ta' frekwenza tar-radju pubblika għall-finijiet ta' użu privat jew ta' użu speċjali, għall-benefiċċju ta' persuna jew entità waħda jew iktar, hija suġġetta għal taxxa annwali skont il-modalitajiet stabbiliti f'dan il-paragrafu.

Il-valur tas-suq tal-użu ta' frekwenza rriżervata u l-profitt li jista' jagħmel il-benefiċjarju għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi ddeterminat l-ammont li l-persuna taxxabbli għandha tħallas għal din it-taxxa.

[…]"

14 Skont il-punt 3(6) tal-Anness I tal-LGT 2014:

"[…] In-nuqqas ta' ħlas tat-taxxa [fuq ir-riżervazzjoni ta' frekwenzi tar-radju pubbliċi] jista' jkun raġuni għas-sospensjoni jew għat-telf tad-dritt ta' okkupazzjoni ta' frekwenzi tar-radju pubbliċi […]"

15 Skont l-Artikolu 62 tal-LGT 2014, li jikkorrispondi essenzjalment għall-Artikolu 45 tal-LGT 2003:

"[…]

L-użu speċjali ta' frekwenzi tar-radju pubbliċi huwa l-użu ta' faxex ta' frekwenza li huma suġġetti għal awtorizzazzjoni ta' użu kondiviż, mingħajr limitazzjoni tan-numru ta' operaturi jew ta' utenti, skont il-kundizzjonijiet tekniċi u għas-servizzi ddefiniti każ b'każ.

L-użu privat ta' frekwenzi tar-radju pubbliċi huwa l-użu esklużiv jew minn numru limitat ta' utenti ta' ċerti frekwenzi fl-istess kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae*.

[…]

3. Fil-każ ta' użu speċjali ta' faxex ta' frekwenza awtorizzati għal dan l-għan permezz ta' networks pubbliċi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi installati jew operati minn operaturi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, l-għoti ta' drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju pubbliċi għandu jieħu l-forma ta' awtorizzazzjoni ġenerali.

[…]

4. L-għoti ta' drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju pubbliċi għandu jieħu l-forma ta' awtorizzazzjoni individwali fil-każijiet li ġejjin:

a) Fil-każ ta' riżervazzjoni ta' dritt ta' użu speċjali minn dilettanti tar-radju jew fil-każ ta' riżervazzjoni ta' dritt ta' użu għal użi oħra li ma fihomx kontenut ekonomiku suġġett għal leġiżlazzjoni speċifika li tipprevedi tali awtorizzazzjoni individwali.

b) Meta d-dritt ta' użu privat jingħata bl-għan tal-awtoprovvista ta' servizzi mill-applikant, ħlief fil-każ ta' amministrazzjonijiet pubbliċi, li jeħtieġu assenjazzjoni ta' proprjetà pubblika.

5. Fil-każijiet l-oħra kollha mhux imsemmija fil-paragrafi preċedenti, id-dritt tal-użu privat ta' frekwenzi tar-radju pubbliċi jeħtieġ konċessjoni amministrattiva. L-għoti ta' din il-konċessjoni huwa suġġett għall-kwalità ta' operatur ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u għall-assenza ta' waħda mill-projbizzjonijiet li jiġu konklużi kuntratti rregolati [mir-Real Decreto Legislativo 3/2011 por el que se aprueba el texto refundido de la Ley de Contratos del Sector Público (id-Digriet Irjali Leġiżlattiv 3/2011 li Approva l-Emenda tal-Liġi dwar il-Kuntratti Pubbliċi) tal-14 ta' Novembru 2011 (BOE Nru 276 tas-16 ta' Novembru 2011, p. 117 729)].

[…]"

Il-leġiżlazzjoni dwar l-imposta fuq it-trasferimenti patrimonjali u l-atti legali ddokumentati

16 Skont l-Artikolu 7(1) tat-Texto refundido de la Ley del Impuesto sobre Transmisiones Patrimoniales y Actos Jurídicos Documentados (it-Test tal-Emenda tal-Liġi dwar l-Imposta fuq it-Trasferimenti Patrimonjali u l-Atti Legali Ddokumentati), li jirriżulta mir-Real Decreto Legislativo 1/1993, por el que se aprueba el Texto refundido de la Ley del Impuesto sobre Transmisiones Patrimoniales y Actos Jurídicos Documentados (id-Digriet Irjali Leġiżlattiv 1/1993 li Approva t-Test ta' Emenda tal-Liġi dwar l-Imposta fuq it-Trasferimenti Patrimonjali u l-Atti Legali Ddokumentati) tal-24 ta' Settembru 1993 (BOE Nru 251 tal-20 ta' Ottubru 1993, p. 29 545), u l-Artikolu 7(1) tan-Norma Foral 18/1987, del territorio histórico de Gipuzkoa, del Impuesto sobre Transmisiones Patrimoniales y Actos Jurídicos Documentados (il-Liġi Provinċjali 18/1987, tat-Territorju Storiku ta' Gipuzkoa, dwar l-Imposta fuq it-Trasferimenti Patrimonjali u l-Atti Legali Ddokumentati) tat-30 ta' Diċembru 1987:

"Jikkostitwixxu trasferimenti patrimonjali taxxabbli:

[…]

b) Il-kostituzzjoni ta' drittijiet *in rem*, ta' self, ta' garanziji, ta' kirjiet, ta' pensjonijiet u ta' konċessjonijiet amministrattivi, ħlief fil-każ fejn l-għan tagħhom huwa t-trasferiment tad-dritt ta' użu ta' infrastrutturi ferrovjarji jew ta' bini jew ta' faċilitajiet tal-portijiet u tal-ajruporti."

17 Skont l-Artikolu 28(1)(b) tar-Reglamento de desarrollo de la Ley 32/2003, de 3 de noviembre, General de Telecomunicaciones, en lo relativo al uso del dominio público radioeléctrico (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Liġi Ġenerali 32/2003 tat-3 ta' Novembru dwar it-Telekomunikazzjonijiet, fir-Rigward tal-Użu ta' Frekwenzi tar-Radju Pubbliċi), li jirriżulta mir-Real Decreto 863/2008, por el que se aprueba el Reglamento de desarrollo de la Ley 32/2003, de 3 de noviembre, General de Telecomunicaciones, en lo relativo al uso del dominio público radioeléctrico (id-Digriet

Irjali 863/2008 li Approva r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Liġi Ġenerali 32/2003 tat-3 ta' Novembru dwar it-Telekomunikazzjonijiet, fir-Rigward tal-Użu ta' Frekwenzi tar-Radju Pubbliċi) tat-23 ta' Mejju 2008 (BOE Nru 138 tas-7 ta' Ġunju 2008, p. 26 305):

"L-Aġenzija Nazzjonali tar-Radju tista' tirrevoka, permezz tal-proċedura amministrattiva ġenerali […], l-awtorizzazzjonijiet tal-użu privat ta' frekwenzi tar-radju pubbliċi għar-raġunijiet li ġejjin:

[…]

b) Nuqqas ta' ħlas tal-imposta fuq it-trasferimenti patrimonjali u l-atti legali ddokumentati.

[…]"

18 L-Artikolu 2 tal-Ley 58/2003 General Tributaria (il-Liġi 58/2003 dwar il-Kodiċi Ġenerali tal-Imposti) tas-17 ta' Diċembru 2003 (BOE Nru 302 tat-18 ta' Diċembru 2003, p. 44 987), jiddefinixxi l-kunċett ta' "imposta" bħala t-taxxa mitluba "mingħajr korrispettiv fejn il-fatt taxxabbli huwa magħmul minn operazzjonijiet, atti jew fatti li juru l-kapaċità finanzjarja tal-persuna taxxabbli".

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

19 Vodafone España hija operatur ta' telekomunikazzjonijiet li tipprovdi servizzi ta' telefonija mobbli fit-territorju Spanjol.

20 Matul l-2011, Vodafone España ngħatat diversi konċessjonijiet ta' użu privat ta' frekwenzi tar-radju pubbliċi għall-faxxa ta' 2.6 GHz u, skont il-punt 3 tal-Anness I tal-LGT 2003, hija ħallset it-taxxa fuq ir-riżervazzjoni ta' frekwenzi tar-radju pubbliċi. Konformement mal-Liġi Provinċjali 18/1987 dwar l-Imposta fuq it-Trasferimenti Patrimonjali u l-Atti Legali Ddokumentati, Vodafone España wettqet ukoll awtolikwidazzjoni u ħallset l-imposta fuq it-trasferimenti patrimonjali u l-atti legali ddokumentati (iktar 'il quddiem l-"imposta fuq it-trasferimenti patrimonjali").

21 Madankollu, peress li kkunsidrat li din l-imposta tmur kontra d-dritt tal-Unjoni, Vodafone España talbet, permezz ta' proċedura amministrattiva, ir-rimbors tal-ammonti li hija kienet ħallset fir-rigward tagħha.

22 Peress li t-talba tagħha ġiet miċħuda, Vodafone España ppreżentat quddiem il-qorti tar-rinviju rikors għal annullament kontra d-deċiżjonijiet li jiċħdu din tal-aħħar billi sostniet, essenzjalment, li l-obbligu li titħallas l-imposta fuq it-trasferimenti patrimonjali jwassal għal taxxa doppja li tmur kontra l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2002/20, peress li l-istess fatt, jiġifieri l-konċessjoni amministrattiva għall-użu privat ta' frekwenzi tar-radju pubbliċi, joħloq kemm it-taxxa fuq ir-riżervazzjoni ta' frekwenzi tar-radju pubbliċi kif ukoll l-imposta fuq it-trasferimenti patrimonjali.

23 Il-Kunsill Provinċjali ta' Gipuzkoa jikkontesta l-eżistenza ta' taxxa doppja billi jibbaża ruħu fuq id-distinzjoni, fid-dritt Spanjol, bejn il-kunċett ta' "taxxa" u dak ta' "imposta". Huwa jsostni, essenzjalment, li l-fatt taxxabbli fuq ir-riżervazzjoni ta' frekwenzi tar-radju pubbliċi huwa r-riżervazzjoni ta' frekwenza tar-radju pubblika għall-finijiet ta' użu privat, filwaqt li l-imposta fuq it-trasferimenti patrimonjali tolqot it-trasferiment patrimonjali mwettaq permezz tal-għoti tad-drittijiet ta' użu privat. Skont din l-amministrazzjoni, l-Artikoli 12 u 13 tad-Direttiva 2002/20 ma jillimitawx il-possibbiltà li l-Istati Membri għandhom sabiex jistabbilixxu tipi oħra ta' imposti fiskali li ma humiex dawk imsemmija f'dawn l-artikoli, bħall-imposta fuq it-trasferimenti patrimonjali u t-taxxa fuq il-kumpanniji, li l-operaturi kollha huma suġġetti għalihom.

24 Skont il-qorti tar-rinviju, is-sistema legali tal-frekwenzi tar-radju pubbliċi hija, essenzjalment, identika għas-sistema ġenerali, stabbilita mill-Artikoli 84 sa 104 tal-Ley 33/2003, del Patrimonio de las Administraciones Públicas (il-Liġi 33/2003 dwar il-Patrimonju tal-Amministrazzjonijiet Pubbliċi) tat-3 ta' Novembru 2003 (BOE Nru 264 tal-4 ta' Novembru 2003, p. 20 254), applikabbli għall-proprjetà pubblika kollha tal-amministrazzjonijiet pubbliċi Spanjoli. Minn dan, din il-qorti tiddeduċi li l-operatur tat-telekomunikazzjonijiet li jsir offerent rebbieħ esklużiv ta' ċerti frekwenzi jikseb konċessjoni amministrattiva ġenwina ta' proprjetà pubblika, tal-istess natura bħal dik imsemmija fl-Artikolu 7(1)(b) tal-Liġi Provinċjali 18/1987 dwar l-Imposta fuq it-Trasferimenti Patrimonjali u l-Atti Legali Ddokumentati, li l-portata tagħha tkopri, bħal kull konċessjoni, l-użu privat temporanju tal-proprjetà pubblika mogħtija inkambju għall-ħlas ta' tariffa.

25 Barra minn hekk, skont il-qorti tar-rinviju, il-fatt li n-nuqqas ta' ħlas tal-imposta fuq it-trasferimenti patrimonjali jikkostitwixxi raġuni għar-revoka tat-titolu li jawtorizza l-użu ta' frekwenzi tar-radju pubbliċi jista' jinftiehem fis-sens li, skont l-intenzjoni tal-leġiżlatur nazzjonali, il-ħlas tal-imposta fuq it-trasferimenti patrimonjali huwa, *de facto*, kundizzjoni minn qabel għall-konċessjoni tad-dritt tal-użu privat ta' frekwenzi tar-radju pubbliċi.

26 Billi qieset, madankollu, li l-kawża pendenti quddiemha tqajjem kwistjonijiet ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, it-Tribunal Superior de Justicia del País Vasco (il-Qorti Superjuri tal-Ġustizzja tal-País Vasco, Spanja) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 13 tad-Direttiva [2002/20] u d-dispożizzjonijiet relatati u komplementari għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu lir-Renju ta' Spanja u, b'mod partikolari, lit-territorju storiku fiskalment awtonomu tal-provinċja ta' Guipúzcoa, milli jissuġġetta d-dritt tal-użu ta' frekwenzi tar-radju mill-operaturi tat-telekomunikazzjonijiet – li huwa diġà suġġett għal dik li hija magħrufa bħala taxxa [fuq ir-riżervazzjoni ta' frekwenzi tar-radju pubbliċi] – [għall-imposta fuq it-trasferimenti patrimonjali] li tapplika ġeneralment għall-konċessjonijiet amministrattivi ta' assi pubbliċi, bi qbil man-normativa foral (liġi lokali) li tirregola l-imsemmija taxxa?"

Fuq id-domanda preliminari

27 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2002/20 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li Stat Membru, li l-leġiżlazzjoni tiegħu tipprevedi li d-dritt ta' użu ta' frekwenzi tar-radju huwa suġġett għal taxxa fuq ir-riżervazzjoni ta' frekwenzi tar-radju pubbliċi, jissuġġetta barra minn hekk il-kostituzzjoni ta' konċessjonijiet amministrattivi ta' dawn il-frekwenzi għal imposta fuq it-trasferimenti patrimonjali, imposta b'mod ġenerali fuq il-kostituzzjoni ta' konċessjonijiet amministrattivi fuq proprjetà pubblika bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni li ma tapplikax b'mod speċifiku għas-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi.

28 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li, skont l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2002/20, din għandha l-għan li tistabbilixxi suq intern għan-networks u għas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi billi tarmonizza u tissimplifika r-regoli u l-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni, sabiex tiffaċilita l-provvista tagħhom fl-Unjoni Ewropea kollha.

29 Għal dan l-għan, id-Direttiva 2002/20 ma tipprevedix biss regoli dwar il-proċeduri ta' għoti tal-awtorizzazzjonijiet ġenerali jew tad-drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju jew ta' numri jew dwar il-kontenut tagħhom, iżda tipprevedi wkoll regoli dwar in-natura, kif ukoll il-portata, tal-ispejjeż pekunjarji, marbuta mal-imsemmija proċeduri, li l-Istati Membri jistgħu jimponu fuq l-impriżi fis-settur tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (sentenza tas-17 ta' Diċembru 2015, Proximus, C-454/13, EU:C:2015:819, punt 19 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 B'mod iktar partikolari, l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2002/20, intitolat "Ħlasijiet amministrattivi", jipprevedi li l-forniturі ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jistgħu jkunu suġġetti għal taxxi amministrattivi intiżi sabiex jiffinanzjaw l-attivitajiet tal-awtorità regolatorja nazzjonali fil-qasam tal-ġestjoni tas-sistema ta' awtorizzazzjoni u tal-għoti ta' drittijiet ta' użu.

31 Minbarra dawn it-taxxi amministrattivi, l-Artikolu 13 ta' din id-direttiva, intitolat "Tariffi għad-drittijiet ta' użu u drittijiet għall-installazzjoni ta' faċilitajiet", jawtorizza lill-Istati Membri li jissuġġettaw id-drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju jew ta' numri kif ukoll id-drittijiet għall-installazzjoni ta' faċilitajiet fuq jew taħt proprjetà pubblika jew privata li huma jagħtu lill-forniturі ta' networks u ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi għal tariffa li l-iskop tagħha huwa li jiżgura l-aħjar użu ta' dawn il-faċilitajiet.

32 Kif jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita, fil-kuntest tad-Direttiva 2002/20, l-Istati Membri ma jistgħux jiġbru taxxi jew tariffi oħra fuq il-provvista ta' networks u ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi minbarra dawk previsti minn din id-direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2015, Proximus, C-454/13, EU:C:2015:819, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata), jiġifieri dawk imsemmija fil-punti 30 u 31 ta' din is-sentenza.

33 F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, fl-ewwel lok, dwar il-kompatibbiltà tal-kumulu ta' tariffi mal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2002/20.

34 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2002/20 ma jeskludix kumulu ta' diversi tariffi, fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-impożizzjoni ta' tariffa intiża sabiex tiffavorixxi l-aħjar użu tal-frekwenzi li tkun addizzjonali għal tariffa oħra li tissodisfa dan l-istess għan, sakemm dawn it-tariffi, meħuda flimkien, jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-imsemmi Artikolu 13 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Marzu 2013, Belgacom *et*, C-375/11, EU:C:2013:185, punt 48).

35 Fit-tieni lok, il-qorti tar-rinviju tindika li l-imposta fuq it-trasferimenti patrimonjali inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija, bis-saħħa tad-dritt nazzjonali applikabbli, ikklassifikata mhux bħala "tariffa", l-uniku kunċett li jirreferi għalih l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2002/20, iżda bħala "imposta".

36 F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, fil-kuntest tal-eżami tal-imposta fiskali kkonċernata, il-qorti tar-rinviju ma tistax tkun marbuta bil-klassifikazzjoni ta' din tal-aħħar skont id-dritt nazzjonali applikabbli u li hija dik il-qorti li għandha tibbaża ruħha fuq il-karatteristiċi oġġettivi tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Jannar 2017, IRCCS – Fondazione Santa Lucia, C-189/15, EU:C:2017:17, punt 29).

37 Konsegwentement, il-fatt li, f'dan il-każ, l-imposta fiskali inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija kklassifikata bħala "imposta" skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali ma jipprekludix fih innifsu li din taqa' taħt l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2002/20.

38 Fit-tielet lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-kompatibbiltà ta' "imposta" bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali mad-Direttiva 2002/20 tistax tiġi kkontestata mill-fatt li din hija rregolata minn leġiżlazzjoni li ma hijiex applikabbli b'mod speċifiku għas-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi.

39 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, ċertament, l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 2002/20, moqri flimkien mal-premessa 18 tagħha, jipprevedi li l-awtorizzazzjoni ġenerali, li tiżgura d-dritt li jiġu pprovduti networks jew servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, għandha tinkludi biss il-kundizzjonijiet partikolari għas-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u mhux il-kundizzjonijiet applikabbli għall-impriżi bis-saħħa ta' liġijiet nazzjonali oħra li ma jirrigwardawx dan is-settur speċifikament.

40 Madankollu, kif jirriżulta mill-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 2002/20, moqri flimkien mal-partijiet A u B tal-anness tagħha, id-drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju, minn naħa, u l-awtorizzazzjoni ġenerali, min-naħa l-oħra, huma s-suġġett ta' proċeduri distinti b'kundizzjonijiet li ma humiex identiċi.

41 Konsegwentement, ir-rekwiżit previst fl-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 2002/20, applikabbli għall-awtorizzazzjoni ġenerali, ma jistax jiġi estiż għat-tariffi previsti fl-Artikolu 13 tagħha u, għaldaqstant, il-fatt li tariffa hija rregolata mil-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li ma hijiex speċifika għas-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi la jista', fih innifsu, jipprekludi l-applikazzjoni ta' din id-direttiva u lanqas, b'mod iktar partikolari, tal-Artikolu 13 tagħha.

42 Fir-raba' lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-fatt li l-imposta fuq it-trasferimenti patrimonjali hija applikabbli għall-operaturi ekonomiċi kollha u mhux biss għall-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi għandux effett fuq l-applikabbiltà tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2002/20 għall-kawża prinċipali.

43 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ċertament iddeċidiet li, fid-dawl tal-karatteristiċi tagħha, taxxa li l-persuni suġġetti għaliha ma kinux esklużivament l-operaturi li jipprovdu networks jew servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew dawk li jibbenefikaw mid-drittijiet previsti fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 2002/20 ma kinitx tikkostitwixxi "tariffa" fis-sens ta' dan l-artikolu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Settembru 2014, Belgacom u Mobistar, C-256/13 u C-264/13, EU:C:2014:2149, punt 36).

44 Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li dan kien il-każ għaliex il-fatt taxxabbli inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma kienx marbut mal-għoti ta' drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju jew ta' numri jew ta' drittijiet għall-installazzjoni ta' faċilitajiet fuq jew taħt proprjetà pubblika jew privata (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Settembru 2014, Belgacom u Mobistar, C-256/13 u C-264/13, EU:C:2014:2149, punt 37), peress li l-fatt li l-imsemmija taxxa kienet imposta fuq l-operaturi ekonomiċi kollha ma kienx determinanti sabiex wieħed jasal għal din il-konklużjoni.

45 Minn dan jirriżulta li tariffa li hija applikabbli għall-operaturi ekonomiċi kollha tista' taqa' taħt l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2002/20, sa fejn il-fatt taxxabbli tagħha huwa marbut mal-għoti ta' drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju jew ta' numri jew ta' drittijiet għall-installazzjoni ta' faċilitajiet fuq jew taħt proprjetà pubblika jew privata.

46 Issa, dan huwa l-każ, b'mod partikolari, meta t-tariffa kkonċernata hija imposta fuq l-impriżi li jipprovdu networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi inkambju għad-dritt li jużaw frekwenzi tar-radju (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, Base Company, C-346/13, EU:C:2015:649, punt 22).

47 F'dan il-każ, jidher li mid-dritt nazzjonali applikabbli, b'mod partikolari mill-Artikolu 45 tal-LGT 2003, jirriżulta li l-għoti ta' konċessjoni amministrattiva fuq frekwenzi tar-radju pubbliċi huwa indispensabbli sabiex wieħed ikun jista' jibbenefika mid-dritt tal-użu ta' frekwenzi tar-radju pubbliċi b'mod esklużiv. Barra minn hekk, mill-Artikolu 28(1)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-LGT 2003, kif approvat mid-Digriet Irjali 863/2008, jirriżulta li n-nuqqas ta' ħlas tal-imposta fuq it-trasferimenti patrimonjali jikkostitwixxi raġuni għar-revoka tat-titolu li jawtorizza tali użu.

48 Għalhekk, bla ħsara għall-verifika mill-qorti tar-rinviju, li hija l-unika qorti li għandha ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta d-dritt nazzjonali, jidher li l-ħlas ta' imposta fuq it-trasferimenti patrimonjali jikkostitwixxi kundizzjoni minn qabel sabiex jinkiseb id-dritt ta' użu ta' frekwenzi tar-radju u, għaldaqstant, li din l-"imposta" għandha l-karatteristiċi ta' tariffa imposta inkambju għal dan id-dritt.

49 Fil-każ li, fid-dawl tal-elementi preċedenti, il-qorti tar-rinviju tasal għall-konklużjoni li l-imposta fuq it-trasferimenti patrimonjali taqa' taħt l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2002/20, hija din tal-aħħar li għandha tivverifika jekk din l-imposta u t-taxxa fuq ir-riżervazzjoni ta' frekwenzi tar-radju pubbliċi, meħuda flimkien, jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu 13 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Marzu 2013, Belgacom *et*, C-375/11, EU:C:2013:185, punt 48).

50 F'dan ir-rigward, it-tariffa għad-drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu għandha tkun oġġettivament iġġustifikata, trasparenti, nondiskriminatorja kif ukoll proporzjonata fid-dawl tal-użu li għalih hija intiża, u tieħu inkunsiderazzjoni, *inter alia*, l-għanijiet li huma l-promozzjoni tal-kompetizzjoni u l-użu effikaċi tal-frekwenzi tar-radju (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Marzu 2013, Belgacom *et*, C-375/11, EU:C:2013:185, punt 46).

51 Mill-Artikolu 13 tad-Direttiva 2002/20, moqri flimkien mal-premessa 32 ta' din tal-aħħar, jirriżulta wkoll li tariffa imposta fuq l-operaturi ta' servizzi ta' telekomunikazzjonijiet għall-użu ta' frekwenzi tar-radju għandha ssegwi l-għan li jiġi żgurat l-aħjar użu tagħhom u ma għandhiex tostakola l-iżvilupp ta' servizzi ġodda u tal-kompetizzjoni fis-suq (sentenza tal-21 ta' Marzu 2013, Belgacom *et*, C-375/11, EU:C:2013:185, punt 47).

52 Fir-rigward, b'mod iktar partikolari, tal-metodu ta' determinazzjoni tal-ammont tat-tariffa għall-użu ta' frekwenzi tar-radju, l-awtorizzazzjoni għall-użu ta' proprjetà pubblika li tikkostitwixxi riżorsa skarsa tippermetti lid-detentur tagħha jwettaq profitti ekonomiċi kunsiderevoli u tagħtih vantaġġi meta mqabbel ma' operaturi oħra li wkoll ikunu jixtiequ jużaw u jisfruttaw din ir-riżorsa, u dan jiġġustifika l-impożizzjoni ta' tariffa li tirrifletti b'mod partikolari l-valur tal-użu tar-riżorsa skarsa inkwistjoni (sentenza tal-21 ta' Marzu 2013, Belgacom *et*, C-375/11, EU:C:2013:185, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata).

53 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-għan li jiġi żgurat li l-operaturi jużaw bl-aħjar mod possibbli r-riżorsi skarsi li għalihom ikollhom aċċess jimplika li l-ammont ta' din it-tariffa għandu jiġi ffissat f'livell adegwat li jirrifletti b'mod partikolari l-valur tal-użu ta' dawn ir-riżorsi, u dan jeżiġi li tittieħed inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni ekonomika u teknoloġika tas-suq ikkonċernat (sentenza tal-21 ta' Marzu 2013, Belgacom *et*, C-375/11, EU:C:2013:185, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

54 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għad-domanda magħmula hija li l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2002/20 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li Stat Membru, li l-leġiżlazzjoni tiegħu tipprevedi li d-dritt ta' użu ta' frekwenzi tar-radju huwa suġġett għal taxxa fuq ir-riżervazzjoni ta' frekwenzi tar-radju pubbliċi, jissuġġetta barra minn hekk il-kostituzzjoni ta' konċessjonijiet amministrattivi ta' dawn il-frekwenzi għal imposta fuq it-trasferimenti patrimonjali, imposta b'mod ġenerali fuq il-kostituzzjoni ta' konċessjonijiet amministrattivi fuq proprjetà pubblika bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni li ma tapplikax b'mod speċifiku għas-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, meta l-fatt taxxabbli ta' din l-imposta huwa marbut mal-għoti ta' drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju, sakemm din it-taxxa u din l-imposta, meħuda flimkien, jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-artikolu, b'mod partikolari dik dwar in-natura proporzjonata tal-ammont miġbur inkambju għad-dritt ta' użu ta' frekwenzi tar-radju, liema fatt għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

Fuq l-ispejjeż

55 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 13 tad-Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva ta' Awtorizzazzjoni), kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li Stat Membru, li l-leġiżlazzjoni tiegħu tipprevedi li d-dritt ta' użu ta' frekwenzi tar-radju huwa suġġett għal taxxa fuq ir-riżervazzjoni ta' frekwenzi tar-radju pubbliċi, jissuġġetta barra minn hekk il-kostituzzjoni ta' konċessjonijiet amministrattivi ta' dawn il-frekwenzi għal imposta fuq it-trasferimenti patrimonjali, imposta b'mod ġenerali fuq il-kostituzzjoni ta' konċessjonijiet amministrattivi fuq proprjetà pubblika bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni li ma tapplikax b'mod speċifiku għas-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, meta l-fatt taxxabbli ta' din l-imposta huwa marbut mal-għoti ta' drittijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju, sakemm din it-taxxa u din l-imposta, meħuda flimkien, jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-artikolu, b'mod partikolari dik dwar in-natura proporzjonata tal-ammont miġbur inkambju għad-dritt ta' użu ta' frekwenzi tar-radju, liema fatt għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

Firem